DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/614

tal-11 ta' Frar 2022

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Mawrizju ([1]) ("il-Ftehim") ġie approvat f'isem l-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/146/UE ([2]), u daħal fis-seħħ fit-28 ta' Jannar 2014.

(2) L-applikazzjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius ([3]) ("il-Protokoll") bdiet fit-8 ta' Diċembru 2017 għal perijodu ta' erba' snin. Il-Protokoll skada fis-7 ta' Diċembru 2021.

(3) Fit-28 ta' Settembru 2021, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mar-Repubblika ta' Mauritius għall-konklużjoni ta' protokoll ġdid li jimplimenta l-Ftehim.

(4) Sakemm jitlestew in-negozjati dwar it-tiġdid tal-Protokoll, il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem l-Unjoni, ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni u r-Repubblika ta' Mauritius dwar estensjoni tal-Protokoll għal perijodu massimu ta' sitt xhur. Dawn in-negozjati fuq l-estensjoni tal-Protokoll intemmu b'suċċess u l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius ("il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri") ġie inizjalat fis-6 ta' Diċembru 2021.

(5) L-objettivi tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri huma li jippermetti lill-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius jkomplu jaħdmu flimkien biex jippromwovu politika tas-sajd sostenibbli u l-isfruttar responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet ta' Mauritius u li jippermetti lill-bastimenti tal-Unjoni jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom f'dawk l-ilmijiet.

([1]) ĠU L 79, 18.3.2014, p. 3.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/146/UE tat-28 ta' Jannar 2014 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Mawrizju (ĠU L 79, 18.3.2014, p. 2).

([3]) ĠU L 279, 28.10.2017, p. 3.

(6) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri jenħtieġ li jiġi ffirmat soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

(7) Jenħtieġ li l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri jiġi applikat fuq bażi provviżorja, sa meta jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu, biex tiġi limitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' Mauritius,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim ([4]).

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri għandu japplika fuq bażi provviżorja, f'konformità mal-punt (10) tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, mill-1 ta' Jannar 2022 jew minn kull data oħra wara l-iffirmar tiegħu, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J.-Y. LE DRIAN

([4]) Ara l-paġna 45 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.